

# DEĊIJONIJIET

## DEĊIJONI TAL-KUNSILL

**tas-6 ta' Ġunju 2013**

**li taħtar tliet membri Maltin u tliet membri supplenti Maltin fil-Kumitat tar-Reġjuni**

(2013/273/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Malti,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijet 2009/1014/UE<sup>(1)</sup> u 2010/29/UE<sup>(2)</sup> li jaħtru l-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015.
- (2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sinjura Claudette ABELA BALDACCHINO, is-Sur Michael COHEN u s-Sur Malcolm MIFSUD, saru vakanti s-siġġijiet ta' tliet membri fil-Kumitat tar-Reġjuni. Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sinjura Doris BORG u tas-Sur Ian BORG saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni. Konsegwentement għall-ħatra tas-Sur Paul FARRUGIA bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni, ser isir vakanti siġġu ta' membru supplenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Huma b'dan maħturin membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqja tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2015:

(a) bħala membri:

- Is-Sur Peter BONELLO, Mayor of San Ġiljan
- Is-Sur FARRUGIA, Mayor of Hal Tarxien
- Dr Marc SANT, Councillor, Ħal Lija Local Council

kif ukoll

(b) bħala membri supplenti:

- Is-Sur Jesmond AQUILINA, Deputy Mayor of Hal Qormi
- Is-Sur Anthony MIFSUD, Councillor, Imtarfa Local Council
- Is-Sur Raymond TABONE, Councillor, San Pawl il-Bahar Local Council.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgo, is-6 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*A. SHATTER*

<sup>(1)</sup> ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22

<sup>(2)</sup> ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11.